**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014/2015**

**Livelli 5-6-7**

**L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)** | **IL-ĦIN: Sagħtejn**

**L-Isem u l-Kunjom:** ________________________________________ **Il-Klassi:** _______

## Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitluba.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**
3. **Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.**

---

## GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

### L-ISKEMA TAL-MARKI *(tikteb xejn hawn taħt)*

| Mistoqsija | A | B | Ċ(i) | Ċ(ii) | D(i) | D(ii) | Smigħ | Taħdit | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 13 | 15 | 12 | 12 | 8 | 20 | 10 | 10 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

## KUMMENTI

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:**



David kien tifel imqareb u ġellied. "Lili ħadd ma jagħmilli bżieq fuq imnieħri," kien jirraġuna. "Jekk ittini daqqa, jiena ntik tnejn, ħalli darb'oħra ma teħodhiex kontrija." (*par 1)*

Għalhekk ma tantx kellu ħbieb. Ħadd ma kien ikellmu jew joqgħod miegħu. *(par 2)*

Imma Nicholas kien il-maqlub ta' David. Kellu qalbu tad-deheb, dejjem imdawwar bil-ħbieb u kulħadd kien iħobbu. Kulħadd, ħlief Mark. *(par 3)*

Xi darba Mark kien ħabib ta' Nicholas. Iżda waqt logħba futbol, kif Nicholas kien se jiskorja, Mark resaq minn warajh, ġibdu mill-flokk u tajjarlu l-ballun. Nicholas tilef iċ-ċans li jiskorja f'partita li kienet importanti ħafna. Ir-referì ma ndunax bil-fawl u ħalla l-logħob għaddej. B'hekk rebaħ it-tim ta' Mark. Nicholas ħadha bi kbira u qatt aktar ma ried ikellem lil Mark. *(par 4)*

Meta Mark ra li Nicholas ma riedx ikellmu, beda jgħir għalih. Beda jxewwex lil kulħadd kontra Nicholas u jwaqqgħu għaċ-ċajt. Nicholas tilef ħafna mill-ħbieb li kellu għax emmnu l-gideb ta' Mark. Spiċċa mwarrab minn kulħadd. *(par 5)*

Nicholas ftakar f'David. It-tnejn kienu mdejqin għax tilfu l-ħbieb. Filwaqt li David tilifhom għax kien kattiv, Nicholas qatt ma għamel deni lil ħadd. Ġralu hekk minħabba Mark. Nicholas induna li bniedem wieħed jista' jagħmillek ħajtek infern. *(par 6)*

Għalhekk, jekk trid li tgħix kuntent, tagħmilx għedewwa. Għandna nieħdu ħsieb lil xulxin u napprezzaw lil dawk ta' madwarna għax min ikun sab ħabib, ikun sab teżor! *(par 7)*

## A. IL-FEHIM MILL-QARI **(13-il marka)**

**1.** Min kien David?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (marka)

**2.** X'kien jagħmel David lil min itih daqqa waħda?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (marka)

**3.** Minflok ***'lili ħadd ma jagħmilli bżieq fuq imnieħri'*** nistgħu niktbu ____________________

____________________________________________________________ (marka)

**4.** Xi tfisser ***'Kellu qalbu tad-deheb'*****?**

**a.** kien kattiv ħafna ☐

**b.** qalb li tiswa ħafna flus ☐

**ċ.** iħobb jgħin lil kulħadd ☐ (marka)

**5.** Agħżel it-tajba:

**a.** Nicholas kien tifel imqareb. ☐

**b.** David kien ġellied. ☐

**ċ.** Nicholas skorja waqt il-logħba. ☐ (marka)

**6.** Għaliex Mark ġibed lil Nicholas mill-flokk u tajjarlu l-ballun?

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (marka)

**7.** Min ħalla l-logħob għaddej?

____________________________________________________________(marka)

**8.** Nicholas ma baqax ħabib ma' Mark għax:

**a.** Mark tajjarlu l-ballun. ☐

**b.** Mark ġibdu mill-flokk. ☐

**ċ.** minħabba Mark, Nicholas tilef iċ-ċans li jiskorja f'logħba importanti. ☐

(marka)

**9.** Liema tim rebaħ il-logħba?

____________________________________________________________

(marka)

**10.** X'għamel Mark meta ra li Nicholas ma riedx ikellmu iżjed?

____________________________________________________________

(marka)

**11.** Xi ġralu Nicholas minħabba l-gideb ta' Mark?

____________________________________________________________

(marka)

**12.** Għaliex Nicholas u David kienu mdejqin?

______________________________________________________________

(marka)

**13.** Għaliex għandna nħobbu lill-ħbieb tagħna?

______________________________________________________________

__________________________________________________________(marka)

## B. IL-GRAMMATIKA (15-il marka)

### Aqra dan il-paragrafu u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

Linja tal-ajru Olandiża impjegat <u>ġeru</u> li jġib l-isem ta' Sherlock, biex jgħinha tidentifika l-passiġġieri li jkunu ħallew xi oġġett warajhom fuq l-ajruplan. Sherlock, li ġeneralment jilbes <u>uniformi</u> blu, ixomm l-oġġetti u wara jmur ifittex lis-sidien tagħhom fl-ajruport. Il-kelb jidher jiġri fl-ajruport b'mowbajls, b'pupi u anke *bi ċwievet.* Sherlock ingħata t-taħriġ <u>meħtieġ</u> u issa tista' tgħid li sar l-istilla tal-ajruport, bi klijenti jieħdu <u>stessi</u> miegħu kull ħin u kull mument.

*(Silta adattata mis-sit newsbook.com.mt)*

**1.** Ikteb il-kliem <u>b'linja taħtu</u> wara xulxin skont l-ordni alfabetika.

______________ ______________ ______________ ______________ (4 marki)

**2.** Mill-paragrafu sib kelma li **tibda**:

a. b'konsonanta xemxija: ____________________ (marka)

b. b'konsonanta qamrija: ____________________ (marka)

ċ. b'vokali ____________________ (marka)

**3.** Imla l-vojt **bl-artiklu**:

Dan ___ ġeru jismu Sherlock. Għalkemm huwa daqsxejn ta' annimal jaf jagħmel ___ xogħol tiegħu veru sewwa. ___ ħin kollu għassa biex jara li jkun hemm ___ sigurtà fl-ajruport.

(4 marki)

**4.** Imla v-vojt billi tikteb il-**Mamma** jew l-**Għerq** ta' dawn il-verbi. *(4 marki)*

| IL-VERB | IL-MAMMA | L-GĦERQ |
|---|---|---|
| jilbes | | l-b-s |
| ixomm | xamm | |
| jiġri | | ġ-r-j |
| tista' | seta' | |

## Ċ(i) IL-LETTERATURA: IL-POEŻIJA - Nadriet 1 ta' Tarċisju Zarb (12-il marka)

Din hija silta mill-poeżija **San Franġisk u l-Gamiem** ta' **Ġużè Delia**



**Kellu f'idu, miġbura magħluqa**
**Ġewwa qafas, xi ftit gamimiet,**
**Rixhom sbejjaħ u griżi u melliesi**
**Ħars'thom ħelwa, bħal mewġ fil-qaliet.**

**1.** Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-kaxxi t'hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| **jeħles** | **Franġisk** | **melliesi** |
| **qafas** | **griż** | **sbejjaħ** |
| **ħelwa** | **gamiem** | **dar** |

**a.** F'idejh it-tifel kellu ______________________________.

**b.** Fil-qafas kellu xi ftit ______________________________.

**ċ.** Rixhom kien ____________________ , ____________________ u ____________________.

**d.** Kellhom ħarsa ______________________.

**e.** San ____________________ qallu biex ______________________ lill-gamiem.

**f.** It-tifel fetaħ il-qafas u l-gamiem __________________ ma' San Franġisk.

(marka l-waħda = 9 marki)

**2.** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka **X** fil-kaxxa. (marka l-waħda = 3 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **i.** | Fil-poeżija **Il-Ħolma t'Alla ta' Anton Buttigieg,** il-poeta: | | **a.** jqabbel lil Alla ma' artist. |
| | | | **b.** jqabbel lil Alla ma' ħamiema. |
| | | | **ċ.** jqabbel lil Alla ma' salib. |
| | | | |
| **ii.** | Fil-poeżija **Il-Bikja tal-Buskett ta' Oliver Friggieri,** il-poeta: | | **a.** jgħid li l-Buskett qisu ġnien. |
| | | | **b.** jgħid li l-Buskett qisu ġenna. |
| | | | **ċ.** jgħid li l-Buskett qisu għalqa. |
| | | | |
| **iii.** | Fil-poeżija **Tifħira lil Malta, ta' Ġan Anton Vassallo** l-poeta jgħid: | | **a.** Malta għandha l-itjeb ġbejniet. |
| | | | **b.** Malta għandha l-itjeb ħalib. |
| | | | **ċ.** Malta għandha l-itjeb għasel. |

## Ċ(ii) IL-LETTERATURA: IL-PROŻA - Zito Zandarell ta' Carmel G. Cauchi (12-il marka)

**A. Immarka b'ċirku skont jekk hux Veru jew Falz.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | L-ewwel darba li t-tfal raw lil Zito, kien moħbi ġewwa ħajt. | **Veru** | **Falz** |
| **2.** | Zito fejjaq sieq il-mamà u minn idu ħareġ dawl aħdar. | **Veru** | **Falz** |
| **3.** | Salvina ħasbet li Zito kien Taljan. | **Veru** | **Falz** |
| **4.** | Hector Brincat kien wieħed mill-*bullies* tal-iskola. | **Veru** | **Falz** |
| **5.** | Is-Sur Vassallo kellu tifla jisimha Katya. | **Veru** | **Falz** |
| **6.** | Katya kienet truxa. | **Veru** | **Falz** |

(6 marki)

**B. Poġġi l-ismijiet li jidhru hawn taħt fil-vojt provdut. Xi wħud minnhom ma jintużawx.**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | il-papà ta' Stefan | |
| **2.** | oħt Zito | |
| **3.** | mara sindikajra u seksieka li ħasbet li Zito huwa Ingliż. | |
| **4.** | omm it-tifel li kien se jaqa' minn fuq il-bejt | |
| **5.** | l-għalliem tal-isport ta' Zito | |
| **6.** | ħabiba ta' Melissa, oħt Stefan | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Lorella** | **is-Sur Vassallo** | **Daffodil** | **Spikey** | **Salvina** |
| **Melissa** | **Paul** | **Charlene** | **Doris** | **Zambra** |

(6 marki)

## D(i) IL-KITBA FUNZJONALI (8 marki)

Ser niktbu ittra ta' madwar **50 kelma**. Uża l-kliem li għandek fil-kaxxa u ikteb ittra lil sid ir-restorant bl-ilmenti tiegħek għaliex nhar il-Ħadd li għadda mort tiekol f'dan ir-restorant mal-familja tiegħek iżda ħriġt iddiżappunt/a mill-ikel u mis-servizz.



***Xi punti li tista' tuża:*** domtu tistennew għal mejda – wejter dam biex ħa l-ordni – l-ikel dam biex ġie – ikel mhux imsajjar sew – wejter mhux edukat – post mhux nadif – kont għoli

Merħba,
Triq il-Ħamiem l-Abjad,
Birżebbuġa.

Ikel Tajjeb,
Triq il-Baħar l-Imqalleb,
Wied il-Għajn.

________________________

Sur/Sinjura ________________________,

Dejjem tiegħek,

____________________________________

## D(ii) IL-KOMPONIMENT **(20 marka)**

Aqta' linja taħt **<u>wieħed</u>** mit-titli li jolqtok u ikteb komponiment ta' madwar **150** kelma fuq karta separata.

1. **Kien is-Sibt filgħaxija meta sibt ruħi waħdi d-dar u f'daqqa waħda nqata' d-dawl! Kompli din l-istorja...** *(Għaliex kont waħdek id-dar? X'kont qed tagħmel? X'għamilt kif inqata' d-dawl? X'ġara waqt li kont bla dawl: smajt ħoss ġej minn fuq il-bejt/ħabbat il-bieb/waqajt u weġġajt, meta u kif ġie lura d-dawl? X'għamilt kif ġie d-dawl?)*

2. **Ilbieraħ rajt film li tassew għoġobni u ser nissuġġerih lil sħabi kollha tal-klassi** (*mara tgħix waħidha, idoqq it-telefown f'nofs ta' lejl, ħallelin, rapport lill-pulizija, sewqan eċċessiv, sparar, arrest*).

3. **Dakinhar indunajt li Toni kien ħabib / Tonia kienet ħabiba tiegħi tassew. Ikteb l-istorja.** *(Min hu Toni/ hi Tonia? Daqsek, ikbar jew iżgħar minnek? Tmorru skola flimkien? Kif iltqajtu u sirtu ħbieb? X'jogħġbok l-iktar f'din il-persuna? X'għamlet miegħek din il-persuna biex indunajt li hu ħabib/hi ħabiba tassew? X'tip ta' għajnuna tak/tatek? Xi parir tajjeb? Qabeż/qabżet għalik ma' xi ħadd? Tkellmet favur tiegħek?)*

**PJAN TAL-KOMPONIMENT: Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek.**